MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 275/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stephen J. Gatt)**
**Vs**
**Paul Camilleri**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-perjodu bejn it-28 ta’ Lulju, 2001 u snin qabel din id-data gewwa, l-Gzira, wkoll wara nzul ix-xemx, b’diversi azzjonijiet maghmulin anki fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom seta’ kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent eletriku jew li bihom seta’ waqqaf jew biddel il-kejl jew markar tal-meter, tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata jew ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku fl-ammont ta’ LM6,447.38 minn gewwa l-fond 115, The Strand Hotel, Triq ix-Xatt, Gzira, bhala id-direttur jew detentur, jew il-persuna li f’ismu ghandu dan il-fond jew il-persuna li assumma responsabilita’, fejn

instabu dawk il-ksur jew mezzi qarrieqa ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u lok.
Fl-istess zmien jum, lok u cirkostanzi, ghamel hsara fil-makkinarju jew gumni w fili tal-elettriku, kkaguna t-telf ta’ kurrent elettriku w ghamel hsara jew kisser parti ta’ xi meter tal-elettriku jew sigilli ta’ xi meter tal-elettriku jew xi parti minn xi apparat jew gumni jew fili, uzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Settembru, 2008, li biha, sabet lill-appellant hati skond l-akkuza w wara li rat l-artikoli 261, 263, 264, 270, 267, 269 u 326 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien disa’ xhur waqt li ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta’ €9194.92 (ekwivalenti ghal LM 3947.38) lil Korporazzjoni ta’ l-Enemalta fi zmien sitt xhur b’rati mensili.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 t’Ottubru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- Li ma saritx il-kwerela tal-parti offiza mehtiega skond l-artikolu 283A tal-Kap.9, u li ghaliha huma applikabbli l-artikoli 536,537, 538 u 539 tal-Kodici Kriminali. F' dan il-kaz ma ngabitx prova li l-procedimenti kontra l-appellant - li nbdew wara hames snin mid-data tal-allegat incident - ittiehdu bil-kwerela tal-parti offiza. Din kellha tikkonsisti f' dokument miktub iffirmat mill-parti offiza, f' dan il-kaz l-ufficjal debitament awtorizzat tal-Enemalta. Ghalhekk il-procedimenti huma *ultra vires*. Inoltre mill-provi l-akkuzi kontra l-appellant ma rrizultawx.

Il-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li l-appellant ghamel ir-reati li jinsab akkuzat bihom u ghalhekk il-gurament tieghu li ma baghbasx il-*meter* tal-elettriku ghandu jkun sufficjenti kontra dak li qalet l-Ewwel Qorti. Illi ix-xiehda ta' Alan Chetcuti, nkluz id-dokument esebit minnu, hija kollha *hearsay* u ghalhekk inammissibbli. Inoltre, Silvio Decelis li ghamel il-konteggi tal-ammont tal-elettriku misruq u li ssemma minnu ma giex prodott bhala xhud .

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat.

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghid li l-akkuzi dedotti kontra l-appellant jirrisalu ghall-perijodu tat-28 ta' Lulju, 2001 u s-snin ta' qabel dik id-data. Dak in-nhar, kif jirrizulta mill-okkorrenza SG a fol.9 et seq. tal-process, sar rapport lil Pulizija minn Mario Cassar li kien Senior Distribution Tradesman tal-Korporazzjoni Enemalta, li waqt spezzjoni ta' rutina f' 115, The Strand Hotel, Gzira, l-meter tal-elettriku kellu zewg sigilli homor u zewg sigilli blu *"tampered with".* Il-Pulizija infurmat b' dan lill-Magistrat Inkwirenti li minnufieh fetah inkjesta w nnomina esperti biex jassistuh fiha. Din l-inkjesta nghalqet fit-12 ta' Settembru, 2001. Ghal xi raguni pero', l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti nbdew bil-prezentata tac-citazzjoni biss fit-18 ta' Mejju, 2006 (fol. 1).

Illi fil-waqt li originarjament dawn ir-reati kienu prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio*, bl-introduzzjoni tal-artikolu 283A u bl-emendi introdotti bil-proviso ghall-artikolu 326 (1) tal-Kodici Kriminali, ghar-reati in dizamina, bl-Att XXII tas-sena 2005, ma jista' jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza, f' dan l-kaz ovvjament l-Enemalta Corporation. Hu ovvju ghalhekk li, in vista ta' dawn l-emendi, kienet mehtiega l-kwerela tal-parti offiza biex il-Pulizija setghet tipprocedi kontra l-appellant, f' Mejju, 2006.

Illi fl-atti processwali ma hemm ebda kwerela formali bil-miktub iffirmata minn xi ufficjal awtorizzat tal-Enemalta

Corporation jew xi avukat ghan-nom taghha. Pero' ma hemmx dubju li kwerela bil-fomm saret meta Mario Cassar ghamel denunzja verbali lill-Pulizija, liema denunzja tinsab inkorporata bid-dettalji kollha fl-okkorrenza imsemmija. Ma hemmx dubju li l-vot tal-ligi kif indikat fl-artikolu 536 ghal dak li jirrigwarda l-kontenut tad-denunzja - w estizi ghall-kwerela bl-artikolu 539 - gie rispettat meta Cassar ghamel id-denunzja tieghu lill-Pulizija, ghaliex l-okkorrenza turi li gew imfissra car il-fatti bl-irqaqat u partikolaritajiet kollha mehtiega li jaccertaw ir-reat, li jistabilixxu x-xorta tieghu kif ukoll li juru min hu l-awtur jew il-komplici fid-delitt. Tant li bhala *"Suspect No:1"* kien gie proprju indikat l-appellant odjern. Dana kollu gie traskritt fl-okkorrenza. Jirrizulta ukoll li din il-kwerela bil-fomm tnizzlet bil-miktub mill-ufficjal tal-Pulizija li rceviha tant li tidher fl-okkorrenza li saret minn PS 1102 Robert Everest. Li ma jirrizultax pero' hu li din il-kwerela giet b' xi mod jew f' xi stadju ffirmata mill-kwerelant kif jirrikjedi l-artikolu 537 tal-Kodici Kriminali.

Jidher li dan in-nuqqas sfugga ghal kollox lill-Prosekuzzjoni meta wara tant snin w wara li kienet inbidlet il-ligi bl-Att XXII tal-2005, fl-ahhar ipprezentat c-citazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi f' dan il-kaz ma hux applikabbli s-subartikolu (5) tal-artikolu 390 ghax il-kawza sa mill-bidu nett tmexxiet bi procedura sommarja fuq talba tal-Avukat Generali (Fol.4) u ghalhekk ma saritx kumpilazzjoni.

Jibqa' pero' jigi konsidrat jekk l-atti processwali jistghux jigu salvati jew sanati bl-applikazzjoni tal-proviso ghall-artikolu 373 li jiddisponi li fil-kazijiet li jaqghu taht il-kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-art. 370, meta l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali w ma jkunx espressament irrinunzja ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Ezekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat.

Ir-risposta ghal dan il-kwezit jaghtiha b' mod car l-artikolu 283A li jghid li ghar-reat ta' serq ta' elettriku ma jittiehed

ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza **wkoll meta** r-reat ikun ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati skond dak li jipprovdi l-artikolu 370 (1) u l-offiz **ma jkunx irrinunzja espressament ghall-azzjoni fi zmien erbat ijiem minn dakinhar li jkun sar ir-reat.** Dan l-artikolu sahansitra jkompli jghid :- ***"Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom japplikaw minkejja kull haga li jinghid fil-proviso ta' l-artikolu 373."*** (sottoliear ta' din il-Qorti)

Ghalhekk jidher li taht kull aspett in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tesigi l-kwerela tal-Korporazzjoni Enemalta qabel ma pprocediet b' dan il-kaz fit-18 ta' Mejju, 2006, ma jistax jigi sanat u ergo l-proceduri li nbdew kontra l-appellant ma setghux isiru w konsegwentement huma nulli.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant jimmerita li jigi milqugh u konsegwentement din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddeciedi dwar it-tieni aggravju li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi w l-mertu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi revokata w l-appellant liberat minn kull imputazzjoni, provvediment u ordni ghall-hlas, salvi w impregudikati kull dritt civili tal-Korporazzjoni Enemalta ghar-rimbors ta' kull ammont dovut lilha mill-appellant *si et quatenus*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------